MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Numru 1114/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**Vs**
**Richard Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Richard Attard ta' karta tal-identita numru 662281(M), akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta' Dicembru, 2004 gewwa Triq Fleur De Lys, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Richard Attard u Emanuela Attard liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin imma tkun

izjed minn Lm50 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Dahal fid-dar jew lok iehor jew f’recint gewwa numru 352, Triq Fleur De Lys, Birkirkara propjeta` ta’ Richard Attard u Emanuela Attard b’wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266 ghal kemm ma kien hemm ebda prova ta’ att li jikkostitwixxi attentat ta’ reat iehor u dan bi ksur tal-artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Qal kliem oxxen u espressjonijiet ta’ dagha u dan ai terminu tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magsitrati ta’ Malta tad-9 ta’ Novembru, 2004 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Emanuela Attard u torbot lil imputat Richard Attard b’dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal taghha tal-llum fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'diversi offizi li hlief ghal ewwel akkuza huma ta' natura kontravenzjonali. Hemm ukoll l-akkuza li kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza deciza kontra tieghu minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Novembru, 2004.

Issa l-akkuzi odjerni joriginaw minn rapport li kienet ghamlet omm il-kwerelant dwar l-incident meritu dawn il-proceduri, li ghandu jinghad kien wiehed isolat. Mix-xhieda tal-stess kwerelanti jirrizulta fic-car li l-hsara tikkonsisti biss fi ksur ta' mera li rrisulta li kienet propjeta` tal-stess imputat. Jirrisulta wkoll illi l-imputat huwa guvni u jghix mal-genituri tieghu. Assolutament ma rrisultax l-offizi kontravenzjonali l-ohra. Di piu` u b'riferenza ghal artikolu 332 tal-Kapitlu 9 l-istess kwerelanti, kemm l-omm u kemm il-missier (dan tal-ahhar ghal kull buon fini) irtiraw il-kwerela kontra binhom u hafrulu.

Fuq l-iskorta ta' din ix-xhieda, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun esercizzju inutli li tibqa` tisma` xhieda ohra anke fil-konfront l-ahhar akkuza dwar l-allegat ksur tal-liberazzjoni kondizzjonata stante li din l-akkuza tista` tregji biss f'kaz ta' sejbien ta' htija ghall-akkuzi odjerni, fatt li fic-cirkostanzi mhux il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tiddeciedi u tiddisponi mill-kaz billi tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------